MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 969/2008

Carmel sive Charles Busuttil
vs
Stanley George Newbold
Antoinette Newbold

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors mahluf ta' Carmel sive Charles Busuttil li bih ikkonferma:

1. Illi r-rikorrent kien sellef, *brevi manu,* lil Stanley George Newbold l-ammont ta' hmistax-il elf, tliet mija, erbgha u sittin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€15,364.91) ghall-uzu ta' l-intimati, f'diversi pagamenti li saru tul din l-ahhar sena, kif ahjar spjegat fl-iskeda annessa mar-rikors guramentat bhala dokument "A";

2. U billi ghalkemm debitament interpellat diversi drabi sabiex ihalsu l-ammont l-intimati baqghu inadempienti;

3. U billi ghalhekk l-ammont huwa dovut bl-imghax skond il-Ligi;

4. U billi l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet validi skond il-Ligi;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tipprocedi bis-smigh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond il-procedura preskritta fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont ta' hmistax-il elf, tliet mija, erbgha u sittin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€15,364.91) fl-imkien mal-imghax legali skond il-Ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru u l-imghaxijiet legali ulterjuri kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

Rat id-Dokument "A" minn fejn jirrizulta l-flus mislufin mir-rikorrenti lil-intimat ammontanti ghal €15,364.91 u b'talba ghal imghax bit-8% ammontanti ghal €635.

Rat id-digriet tal-5 ta' Novembru, 2008 li permezz tieghu l-intimati gew awtorizzati jipprezentaw risposta guramentata.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati li biha eccepew:

1. Illi l-intimat Stanley Newbold u l-attur, kienu iffurmaw kumpanija bl-isem 'Games Leisure Ltd.' fi Frar

tas-sena 2008, sabiex jibdew negozju flimkien, u dan kif jista' jirrizulta mill-kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija li gew annessi mar-risposta u esebiti u immarkati Dok. AA. Billi kienu qeghdin jaghmlu negozju flimkien, fil-bidu ta' l-operat tas-socjeta` taghhom, iz-zewg kontendenti kienu hargu l-flus sabiex in-negozju jkun viabbli, u eventwalment jibda jrendi. Fil-fatt, mill-istess dokument Dok. AA, jirrizulta li l-kontendenti huma azzjonisti, f'ishma ndaqs, f'din is-socjeta`. Ghaldaqstant, il-flus kollha li hareg l-attur, bhall-intimat, kienu dejjem fl-interess tal-kumpanija, u mhux self *brevi manu* lill-intimat, kif qieghed jigi allegat;

2. Illi tant huwa hekk, illi mid-dokument immarkat Dok. A, anness mar-rikors promotur, jirrizulta li parti mis-somma illi qieghed jippretendi lura l-attur odjern, tirreferi ghal boll (identifikat bhala *stamp duty* fuq id-dokument imsemmi), liema boll thallas meta giet ifformata l-kumpanija Games Leisure Ltd. fi Frar 2008;

3. Illi ghalhekk, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur, stante li l-konvenuti m'humiex il-legittimi kontradittur, u ghandhom ghalhekk jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi inoltre, billi fuq ir-rikors promotur fl-ebda mod ma gie identifikat << is-sekwestru >> li tieghu qeghdin jintalbu l-ispejjez permezz tar-rikors promotur, l-intimat ma jistax jigi kkundannat ibghati l-ispejjez ta' dan att;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokument prezentati mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie ipprezentat affidavit ta' Charles Busuttil, datat 8 ta' Mejju 2009, fejn issemma li kien sar jaf lil Newbold xi 8 snin qabel. Kien sar jaf li kien *technician* tajjeb fuq il-magni tal-*vending,* u *amusement machines*. Semma li l-intimat kien wera l-interess li jibda jimporta l-magni huwa stess u stieden lir-rikorrent jaghmlu *partnership*. Kienu siefru flimkien u ottjenew ir-rapprezentanza ta' ditta rinomata f'dan il-qasam. Izda l-intimat ma deherx aktar. Snin wara l-intimat mar ihabbatlu u qallu li kien ghadda minn problemi ta' sahha u ghamel sentejn inattiv, b'siehbu dahaq bih, l-impjegati serquh. Semmielu li martu kienet qaltlu biex jitlob l-ghajnuna tar-rikorrent u hu qallu li ser jghin ghalkemm ma kienx haqqu. Kien qallu li kull ma kellu bzonn kien ta' Lm5000 biex jehles mill-kredituri. Tah diversi ammonti fosthom *cheque* ghal Lm700. Ftehmu li jaghmlu kumpanija bl-isem ta' *Games Leisure Ltd* b' *shareholding* ugwali. Kien anke ghaddielu *cheque* ghal Lm103,000 ghall-hlas ta' boll fuq post. Kien ghaddielu wkoll €3000 fis-7 ta' Frar, 2008 u 2000 fil-15 ta' Frar, 2008. Meta sar jaf li kien sar il-bejgh tad-dar ta' l-intimat talbu l-flus lura izda hu irrifjuta ghax qal li kellu jhallas lill-Inland Revenue Department. Silfu €7,000 ohra li weghdu li ser ihallsu sa Mejju, 2008. Ikkonferma d-debitu ta' €15,264.91 u ta' xiex kien tah dawn il-flus. Esebixxa numru ta' dokumenti relattivi ghal self ta' flus.

Hu esebixxa prospett ta' spejjez minnu mhallsa ghall-kumpanija (fol 92) u ricevuti u *statements* minn fol 93 *et*, kif ukoll rendikont tal-kont bankarju a fol 106 tal-process.

Gie prezentat affidavit ta' Stanley Newbold fejn semma li kien iltaqa' mar-rikorrent xi tmien snin qabel in konnessjoni ma' *vending machine agency*. Kienu siefru l-Germanja flimkien izda hemmhekk kien irrejalizza li Busuttil ma kienx il-persuna idejali ghan-negozju. In segwitu kellu attakk tal-qalb u waqaf jahdem. Mhux veru li sparixxa kif qal Busuttil izda ghax kien ma jiflahx. L-impjegati tieghu kienu irvinawlu n-negozju. Eventwalment ftehmu li jaghmlu negozju flimkien, ghalkemm kien qal lil

Busuttil li hu ma kellux flus u kien hemm bzonn li Busuttil jiffinanzja. Il-Lm5,000 kienu "*drop in the ocean in my general financial situation*". Kien biegh id-dar tieghu u hallas is-self ta' Lm35,000 u Lm20,000. Cahad il-pagament lill-*Inland Revenue*. Ma riedx ikun direttur f'Games Leisure Limited minhabba l-Mandat ta' Sekwestru li kellha l-Go Mobile kontra tieghu. Ma ftehmux kif jitmexxa n-negozju. Dwar self ta' flus minghand Busuttil semma li dan intuza ghal vann li kien uzat ghat-trasport tal-makni.

Meta xehed fl-24 ta' Frar, 2010 sostna li l-flus moghtija lilu kienu biex jintuzaw ghall-kumpanija ghalkemm kienu nghatawlu qabel ma giet registrata. Busuttil kellu jiddepozita Lm5,000 fl-*account* tal-kumpanija izda kien iddepozita €5,000 u mhux Lm5,000.

Esebixxa ittra tal-Games Leisure Ltd. li turi li hu kien impjegat u mhux direttur, kopja ta' fattura mill-Polonja ghal xi *pool tables* li l-intimat hallas minn butu f'isem il-kumpanija u li taghhom qatt ma thallas mill-kumpanija u ittra minghand Kalkomat li turi li r-rikorrent ma hallasx l-ispejjez dovuti minnu u li l-intimat kien hallas il-kontijiet minn butu.

Gie prezentat affidavit ta' Colin Scott fejn issemma li kien ilu jaf lill-intimat ghal xi 18-il sena u xi erba' snin wara kien beda jahdem mieghu fuq il-*vending machine business*. Dak iz-zmien in-negozju kien sejjer tajjeb, izda meta marad l-intimat, l-impjegati kollha approfittaw ruhhom. Meta l-intimat irkupra kecca lil kullhadd barra lilu. Semma li Busuttil kien jigi x-xoghol rari. Semma li kien l-intimat li hallas ghat-tiswijiet tal-vann ghan-negozju. Kien l-intimat li hallas lill-impjegati minn butu meta Busuttil ma riedx jaghmel il-hlas.

Gie prezentat affidavit ta' Alyson Mitchell li kienet segretarja ma' Games Leisure Ltd. Semmiet id-diffikultajiet ghall-hlas tal-pagi u li l-makni kien igibhom l-intimat. Irreferiet ghall-karattru ta' Busuttil.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illil ghalhekk dwar il-kaz in ezami irrizulta li r-rikorrent qed jippretendi minghand l-intimati hlas ta' €15,999.91 u dan kif spjegat a fol 3 u 24 tal-process. Hu spjega wkoll ta' xiex saru l-hlasijiet kif ukoll esebixxa diversi kopji ta' dokumenti bhal ma huma cekkijiet a fol 27 *et* tal-process u ricevuti.

Ghandu jinghad li l-intimat f'ebda stadju ma cahad id-diversi ammonti li nghatawlu ghalkemm ma qabilx ma' kull wiehed minnhom specifikament, izda d-difiza tieghu bhala stat ta' fatt kienet li l-flus moghtija lilu ntuzaw ghal affarijiet tal-kumpanija u mhux minnu personali. Infatti hu semma l-pagi tal-haddiema, hsarat fuq il-vann li jintuza biex jingarru l-*vending machines*, u spejjez ohra tal-kumpanija.

Izda hawnhekk qed jirrizulta b'mod car li l-intimat ircieva €15,364.91 li sostna fuqhom ir-rikorrent, u kien jinkombi fuq l-intimat li jgib il-prova li dawk il-flus ma kienux intizi ghalih personalment izda ghall-kumpanija. Aktar u aktar meta c-cekkijiet hafna minnhom (fol 27, fol 29, fol 32, fol 33, fol 34) huma intestati fuq l-intimat personalment. Anke r-ricevuta konnessa u cioe` anke dawk a fol 28 u 35 tal-process huma iffirmati minn Newbold minghajr ebda kwalifika li dan qed isir f'isem il-kumpanija. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat li l-flus kollha li hareg ir-rikorrent kienu fl-interess tal-kumpanija u mhux self brevi manu lill-intimat bilfors trid tigi michuda.

Gie eccepit ukoll li l-ammont ta' €1060 *stamp duty* huwa boll li thallas meta giet iffurmata l-kumpanija, izda li fuq dan l-ammont il-Qorti ghandha xhieda guramentata tar-rikorrent u ebda prova min-naha ta' l-intimat dwarha. Jekk l-intimat dehrlu li ghandu jsostni din l-eccezzjoni kien jinkombi fuqu li jgib il-prova ta' xiex sar il-hlas tal-boll – haga li m'ghamilx.

It-tielet eccezzjoni ta' l-intimati hija li huma m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Din f'ebda hin ma giet spjegata ghaliex, izda presumibbilment minhabba dak li sostna l-intimat li d-debitu kien tal-kumpanija, haga li l-Qorti gja ippronunzjat fuqha hawn fuq. Dwar l-aspetti ta' legittimu

kontradittur, il-Qorti tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet **Vica Limited vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali tar-Repubblika** (Rikors Nru: 744/00K-FS) deciza fis-27 ta' Jannar, 2009 minn din il-Qorti kif presjeduta, *sede* Kostituzzjonali. Ghalhekk tichad din it-tielet eccezzjoni.

Riferibbilment ghar-raba' eccezzjoni li fuq ir-rikors promotur ma gie identifikat ebda sekwestru, dan huwa veru ghax fir-rikors guramentat fl-ahhar paragrafu la jirrizulta numru tas-sekwestru u anqas data ta' l-istess, u ghalhekk tilqa' din l-eccezzjoni.

Finalment ir-rikorrenti talab imghax skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv u fid-Dokument "A" anness mar-rikors guramentat specifika l-ammont ta' €635, izda ma gie prezentat ebda prospett ghal kif wasal ir-rikorrent dwar dan l-ammont u ghal liema perjodu jezisti. Jinghad li ma saritx prova li l-obbligazzjoni f'kull wahda mis-somom imsemmija kienet ta' xorta kummercjali (artikolu 1141 tal-Kap 16), anqas ma irrizulta li precedentement ghal-lum is-somma kienet determinata (artikolu 1139 tal-Kap 16). Ghalhekk l-imghax ghandu jiddekorri mil-lum u t-talba ghal €635 qed tigi michuda.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Halhekk l-eccezzjonijiet 1, 2 u 3 gew michuda kif issemma hawn fuq.

Ir-raba' eccezzjoni giet milqugha.

It-talba tar-rikorrent ghall-kundanna ta' €15,364.91 qed tigi milqugha, ghalkemm michuda t-talba ghal imghaxijiet imsemmija. L-imghaxijiet jiddekorru mil-lum.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------